



Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9808/26
COR 1

LIMITE

COH 95
SOC 295
AGRI 429
AGRIFIN 105
PECHE 209
FIN 760
JAI 675
SAN 357
CODEC 1039
CADREFIN 249
POLGEN 140
IA 143

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0240 (COD)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament PSNR") - Approċċ ġenerali parzjali

Fid-dokument 9808/26 INIT, tiżdied premessa ġdida (27-a) u għandha taqra:

(27-a) L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif ukoll l-istat tad-dritt, jenħtieġ li fl-implimentazzjoni tal-Fond jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi għall-protezzjoni tagħhom.

Minħabba t-trikkib bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-importanza tal-effetti finanzjarji tal-

miżuri li jista' jkun hemm b'zonn jiġu adottati, jeħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħhom, u għalhekk jenħtieġ li l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni, li jenħtieġ li jaġixxi abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

Fid-dokument 9808/26 INIT, tiżdied premessa ġdida (27-aa) u għandha taqra:

(27-aa) Fejn l-applikazzjoni tal-kundizzjonalitajiet stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-Regolament tibbaża fuq ir-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, huwa essenzjali li tali applikazzjoni tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli, f'konformità mal-prinċipji taċ-ċertezza legali, tal-proporzjonalità u tat-trattament ugwali. Għal dak l-għan, it-tħejjija tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, użat fost dokumenti oħra għall-fini tal-valutazzjoni skont l-Artikoli 8 u 9, jenħtieġ li tibbaża primarjament fuq dokumenti u rapporti uffiċjali minn organizzazzjonijiet internazzjonali u awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-qrati nazzjonali. Jenħtieġ li t-tħejjija tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tinvolvi involviment mill-qrib u strutturat mal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Fid-dokument 9808/26 INIT, l-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (b) għandu jaqra:

(b) jappoġġa l-kapaċitajiet ta' difiża, ir-reżiljenza, il-preparatezza, il-protezzjoni ċivili u s-sigurtà tal-Unjoni fir-reġjuni kollha billi:

(i) isaħħaħ il-bażi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, **li tappoġġa l-infrastruttura tad-difiża**, il-mobbiltà militari, b'mod partikolari billi jiġu żviluppati infrastruttura TEN-T b'użu doppju, **kurituri tal-mobbiltà, u konnessjonijiet neqsin.**

(ii) isaħħaħ l-preparatezza tal-Unjoni għall-kriżijiet u d-diżastri, **fosthom it-theddid ibridu, b'mod partikolari** bl-integrazzjoni tal-prinċipju ta' "preparatezza mit-tfassil";

(iii) isaħħaħ is-sigurtà **u l-protezzjoni ċivili** tal-Unjoni, billi jittejjbu l-kapaċitajiet ta' kxif, prevenzjoni u rispons għat-theddid, inkluż billi jissaħħu **u jiġu protetti** l-infrastruttura kritika [...] u ċ-ċibersigurtà.

Fid-dokument 9808/26 INIT, l-Artikolu 8, il-paragrafu 4 għandu jaqra:

4. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ma ġietx issodisfata, hija għandha **tipproponi lill-Kunsill** [...] deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR u l-Pjan Interreg affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 3.

Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

Fid-dokument 9808/26 INIT, l-Artikolu 8, il-paragrafu 6 għandu jaqra:

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta tkun ġiet issodisfata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta tkun ġiet issodisfata **kompletament jew parzjalment**, hija għandha **tipproponi lill-Kunsill** iħassar jew jemenda d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4. **Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.**

█

Fid-dokument 9808/26 INIT, l-Artikolu 8, il-paragrafu 8 għandu jitħassar:

8. █

Fid-dokument 9808/26 INIT, l-Artikolu 35b, il-paragrafu 2 għandu jaqra:

- [2. L-Artikolu 10(2)(a)(ii) [ammont delimitat tal-PKS] għandu jiffinanzja biss l-interventi fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d).]**